MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Numru 540/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Carmelo Ciantar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Carmelo Ciantar bin Fredrick u Rosaria nee Sltana residenti numru 7, Triq Bajjada, Marsa, ta' karta ta' identita numru 5585529M akkuzat talli:

Mill-baja tax-Xemxij f'San Pawl il-Bahar f'xi gurnata qabel it-2 ta' Settembru 1998 ikkometta serq ta' speed boat bn-numru tar-registrazzjoni S-12192 li kienet mghammra b'diversi accessorji fosthom mutur tal-bahar tal-ghamla Yamaha 115hp bin-numru serjali 327964 li l-valur taghha huwa aktar minn elf lira Maltin (Lm1000)ghad-dannu ta'

Paul Camilleri mill-Belt Valletta u liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur, lok, hin u bix-xorta tal-haga l-misruqa;

Fl-stess data, hin, lok u cirkostanzi u fix-xhur ta' wara din id-data f'Malta, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhomjew imexxihom;

Sar ricediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Finalment talli kkometta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija lilu fis-16 ta' April 1999 mill-Qorti tal-Magistrati (Magistrat Dott. Silvio Meli LL.D.) fejn kien gie misjub hati li kkometta reat u gie kkundannat tlettax il-xahar prigunerija sospizi ghal sitt xhur.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li ai termini taghhom baghat lura lil din il-Qorti l-atti ta-kumpilazzjoni sabiex din l-stess Qorti tiddeciedi fuq il-htija jew htijiet tal-imputat fin-nuqqas ta' oggezzjoni minn naha tieghu.

Rat li l-prosekuzzjoni iddikjarat li ma kellix provi ohra;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni biex il-kawza tinstema` sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Ir-reati li bihom l-imputat hu akkuzat ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali huma serq aggravat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga l-misruqa, ricettazzjoni, recidiva u l-kummissjoni tar-reati odjerni fil-perjodu tas-sentenza sospiza.

Mill-provi in atti is-serq  u/jew ricettazzjoni, li ghalkemm reati affini huma separati u distinti minn xulxin, huma konnessi ma' serq ta' speed boat numru tar-registrazzjoni S-12192 u l-mutur taghha Yamaha 115hp bin-numru serjali 327964 li nstabu neqsin mill-propjetarju taghhom, il-Perit Arkitett Paul Camilleri, fit-2 ta' Settembru, 1998, mill-Bajja tax-Xemxija f'San Pawl il-Bahar fejn l-stess dghajsa kienet sorguta.  L-imputat, li jigestixxi negozju ta' bini ta' dghajjes f'Dejma Road, Fgura, gie involut fil-kaz billi l-mutur instab fil-pussess tieghu fil-bini fejn jiggestixxi n-negozju.  Huwa fatt li fit-tfittxija nstab l-imsemmi mutur izda mhux ukoll id-dghajsa u jirrizulta oltre li kien l-imputat innifsu li kien indika lill-Pulizija l-stess mutur meta kien gie mistoqsi jekk kellux mutur ta' dak it-tip.  Mill-provi jirrisulta li l-mutur kien dak armat fuq id-dghajsa li osfrot fit-2 ta' Settembru 1998.  Il-kaz tal-prosekuzzjoni hu bbazat fuq dan il-fatt biss ta' pussess tal-mutur da parti tal-imputat. Jinghad mill-bidu li m'hemm ebda prova la diretta u l'anqas cirkostanzjali li torbot l-imputat mas-serqa propja. Mhux biss izda l-imputat sostna, u dan sa mill-bidu nett, li l-mutur kien ghandu billi kien hallijulu certu wiehed Fathi Snousi li sussegwentement tilef hajtu f'disgrazzja fuq il-bahar, u li anke kien ghamel xi zmien qasir, circa xahar, impjegat mal-imputat, bl-skop li l-mutur jigi immuntat fuq dghajsa li kienet tal-imsemmi Snousi.  Il-prosekuzzjoni donnha qed tinsinwa li l-mutur kien inxtara mill-imputat ghall-prezz ta' Lm700 li fic-cirkostanzi kien prezz ferm baxx ghal prezz attwali tal-mutur (stmat mill-espert nominat Lm2000) u li l-imputat seta` induna li kien imbaghbas minn numru serjali li kien nieqes.

Illi din il-Qorti fliet il-provi prodotti u sincerament ma tarax li l-prosekuzzjoni anke remotament irnexxilha tipprova li l-imputat kien ghal ta' l'anqas r-ricettatur.  Jghid difatti l-imputat li "jiena kont lill-dan l-impjegat tieghi lestejtlu d-dghajsa (li ma kienitx dik meritu s-serqa) u ma hallasnix u

d-dghajsa ghadha hemm" li jattalja mal-assiem tal-provi f'din il-kawza. Huwa pacifiku fil-kamp kriminali li hu dmir tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju ragjonevoli izda hu sufficjenti ghal-imputat li jipprova sal-grad tal-probabli. Fil-kuntest tal-oneru tal-prova din il-Qorti hi sodisfatta li l-imputat ipprova sal-grad tal-probabli molto piu` meta ma jirrizultax li l-mutur kien effetivament mixtri mill-imputat. Certament din il-Qorti ma tahsibx li hu ragjonevoli li ghaliex oggett jigi kkonsenjat lill-haddiehor, dak il-haddiehor hu necessarjament hati ta' ricetazzjoni jekk l-oggett jirrizulta imbaghbas jew addirittura misruq.

Mankanti l-prova li biha l-imputat jista` jinstab hati ta' serq jew ricettazzjoni huwa ovvju li jaqaw l-akkuzi l-ohra.

Ghaldaqstant u n-vista ta' dan fuq espost ma ssibx l-imputat hati u tilliberah mill-akkuzi kollha kontrih dedotti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------